# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 14**

**Avviz numru 306/01/SM**

**Paul u Marlene konjugi Sciberras Balbi.**

**vs**

**Mark u Marvic Natasha sive Natasha konjugi Borg.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 t'April tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (LM362.76,0) rapprezentanti danni kawzati lill-atturi fuq il-vettura ta' l-atturi Reg. No. AAF-543 b'negligenza u b'nuqqas ta' tharis tar-**

**regolamenti in materja fl-incident li sehh nhar is-26 ta' Novembru, 2000;**

2. **Bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' erba ittri bonarjji, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet Numru 732/01, u bir-riserva ta' kull dritt fil-Ligi, bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 t'April tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

1. **Illi l-esponenti jecepixxu illi l-ammont ta' danni li qed jintalab minn l-atturi huwa wiehed esegerat u dana peress illi l-hsarat li sofrew l-atturi fuq il-vettura taghhom kienu ta' entita tant zghira li setghu facilment isiru tiswijiet u mhux jinbidel kollox bi spares godda u dana minhabba illi saret ticrita ta' zewg pulzieri fuq il-parti ta' wara tal-vettura proprjeta' tal-atturi;**

2. **Illi minghjar pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jammettu li huma responsabbli ghall-incident mertu ta' dan l-avviz u kif eccepit fl-ewwel eccezzjoni l-kontestazzjoni hija limitata ghal kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi in effetti l-konvenuti assumew ir-responsabbilita' ghall-incident in dizamina u dan gie ikkonfermat fid-deposizzjoni tal-konvenut Borg a fol 38;**

2. **Illi l-uniku kontestazzjoni hi ghalhekk limitata ghall-ammont ta' danni rikjamati mill-atturi;**

3. **Illi r-raguni ghaliex il-konvenuti qed jopponu t-talba ghad-danni hi ibbazata fuq analizi soggettiv, senjatament fuq ricevuti mahruga minnhu stess, (ara fol 38);**

4. **Illi minn naha l-ohra, l-ammont mitlub mill-atturi hu ibbazat fuq analizi indipendenti tenut kont tal-fatt ukoll li jidhru abbundantement li ipprovaw jimminimizzaw id-danni kemm jista' jkun;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti tikkonsidra li t-talba attrici timmerita konferma;**

**Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Borg responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni fl-ammont ta' tlett mija u tnejn u sittin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu, (LM362.76,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenuti Borg ihallsu lill-atturi Sciberras Balbi l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**